L-Università ta' Malta

**MATSEC Examinations Board**
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 2814/5/6
matsec@um.edu.mt

**www.um.edu.mt/matsec**

**Minn:** Dario Pirotta
Direttur, MATSEC Support Unit

**Lill-:** Prinċipali tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-iskejjel

**Suġġett:** Il-Konsultazzjoni mal-Għalliema dwar is-Sillabu taċ-ĊES Malti

**Data:** 8 ta' Novembru, 2019

Nixtiequ ninfurmaw lill-kapijiet tal-iskejjel li l-ewwel abbozz tas-sillabu taċ-ĊES Malti huwa lest. Il-Bord tal-MATSEC, b'kollaborazzjoni mal-MEDE, se jkun qed jorganizza sessjonijiet ta' konsultazzjoni għall-għalliema dwar dan is-sillabu bbażat fuq il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim. Matul dawn is-sessjonijiet, membri tal-bord tas-sillabu u Uffiċjali Edukattivi se jkunu qed jispjegaw il-kontenut tas-sillabu.

Id-dati tal-laqgħat ta' konsultazzjoni huma dawn li ġejjin:

Il-Ħamis, 21 ta' Novembru: Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja Ħal Kirkop (**F'din il-laqgħa se ssir preżentazzjoni mill-MATSEC dwar il-Qafas ġenerali tal-Assessjar**)

Il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru: Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja Ħal Kirkop

Il-Ħamis, 28 ta' Novembru: Kulleġġ t'Għawdex, Skola Sekondarja

Ħin: 09:00 – 14:00

***Dawk l-għalliema li ma attendewx għal waħda mil-laqgħat ta' konsultazzjoni dwar is-sillabu tal-Malti bħala Lingwa Barranija huma mitluba jirreġistraw għal-laqgħa tal-Ħamis 21 ta' Novembru, filwaqt li għalliema li kienu preżenti għal xi laqgħa tal-MLB għandhom jirreġistraw għal waħda mid-dati l-oħrajn.***

L-għalliema huma mħeġġa jattendu waħda minn dawn il-laqgħat li fihom se jkollhom l-opportunità li jiddiskutu s-sillabu kif ukoll jippreżentaw suġġerimenti għat-titjib tiegħu.

Min huwa mħajjar jattendi huwa mitlub jirreġistra f'dan is-sit **sal-15 ta' Novembru 2019**: https://forms.gle/9qkJUdMaX6hmufV18

Għall-mistoqsijiet oħra kkuntattjana fuq: matsec@um.edu.mt